MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Numru. 270/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Joseph Muscat**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Muscat ta' 25 sena, iben Raymond u Rosalie nee` Baldacchino, residenti fit-2 ta' Frar 1985, residenti St. Andrew's Court, Triq Wied il-Knejjes, Luqa u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 420883(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-14 ta' Dicembru 2008 u fl-ahhar ghaxar xhur ta' qabel din id-data:

1. Biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif

provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tittratta mal-imputat bhala wiehed li sar recidiv permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Mag. Dr. J. Apap Bologna LL.D., nhar it-30 ta' Mejju 2008.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2010, xehed **PC 626 Giancarlo Benetti**[1], illi fl-14 ta' Dicembru 2008, waqt li kien qieghed jaghmel ronda, quddiem l-Agenzija

[1] A fol. 11 u 12 tal-process.

Appogg, osservaw zewgt irgiel li hekk kif raw lill-pulizija rmew xi affarijiet. Hekk kif waqfu, fil-vicinanzi ta' dawn il-persuni, ezattament gewwa parapett ta' quddiem l-istess Agenzija, il-pulizija sabu zewg stikek imkebbin f'*foil* li kien fihom sustanza kannella suspettuza. Wara li dawn gew arrestati, fuq il-persuna ta' Mario Pirrone, instab pakkett trasparenti b'xi tracci ta' sustanza llegali, waqt illi fuq il-persuna ta' Joseph Muscat, ma kien instab xejn. Ix-xhud ma setax jaghraf lil xi hadd minn dawn fl-awla, ghaliex ghadda z-zmien.

Fl-istess seduta, xehed **PS 561 David Portelli**[2]. Huwa qal illi fl-14 ta' Dicembru 2008, huwa kien gewwa l-Ghassa tal-Hamrun, meta gew infurmati illi l-pulizija tal-*mobile* kienu arrestaw zewg persuni hdejn l-Appogg li kienu suspettati li kellhom xi sustanzi llegali fuqhom. Huma marru fuq il-post u rrizulta illi Joseph Muscat, li huwa gharfu bhala l-imputat fl-awla, u Pirrone kienu gew imwaqqfa wara li kien hemm suspett fir-rigward taghhom u li hekk kif il-pulizija tal-*mobile* waqfu, dawn irmew xi haga fl-art. Minn tfittxija fuq il-post instabet xi sustanza suspettata droga. Dawn iz-zewgt irgiel ittiehdu gewwa l-Ghassa tal-Hamrun, fejn saret tfittxija ohra u fuq Pirrone instabet borza b'xi haxix go fiha. Mill-okkorrenza esebita mill-istess xhud, jirrizulta illi "*each of them threw away a small silver packet*"[3].

Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2010, xehed ukoll **l-Ispettur Johann J. Fenech**.[4] Dan ikkonferma illi fl-14 ta' Dicembru 2008, huwa kien gie infurmat mill-Ghassa tal-Hamrun illi kienu nqabdu zewg zghazagh il-Pieta`, u cioe` l-imputat u siehbu Mariano Pirrone. Sussegwentement PS 561 kien qallu illi waqt illi kienu ghaddejjin il-pulizija tal-*mobile*, huma raw lill-imputat jarmi xi haga fl-art, li sussegwentement giet mghoddija lilu u li f'id Pirrone, instabet ukoll xi droga. Ix-xhud qal illi huwa interroga lill-imputat li rrilaxxja stqarrija, liema stqarrija giet esebita bhala Dok. JF1. L-Ispettur ghamel referenza ghall-kontenut tal-istqarrija tal-imputat u qal illi meta staqsieh dwar id-droga li nstabet ghand siehbu, l-istess imputat cahad li kien tahielu hu. Huwa pprezenta wkoll sentenza moghtija fil-konfront tal-istess imputat fit-30 ta' Mejju 2008.

---

[2] A fol. 7 u 8 tal-process.
[3] A fol. 10 tal-process.
[4] A fol. 13 sa 15 tal-process.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fl-14 ta' Dicembru 2008[5], u dan wara li nghata s-solita twissija, **l-imputat** qal illi huwa ma jahdimx u jghix bir-*relief.* Qal li ghandu l-vizzju tad-droga, izda qed jaqtghu bil-mod. Huwa qal illi sa disa' xhur qabel, huwa kien jiehu naqra minn kollox, jigifieri eroina, kokaina u *cannabis resin.* Kien jiehu kuljum minn din id-droga. Rari kien jiehu *ecstasy* u ma kienx ghadu jiehu. Bhalissa huwa qed ipejjep ir-raza tal-*cannabis* biss, ghaliex irnexxielu jaqta' kollox u forsi jpejjep *joint* kuljum. L-ahhar li pejjep il-*cannabis* kien xi tlett ijiem qabel. Meta ssuggerit lilu illi l-Pulizija kienu rawh jarmi pakkett tal-*foil* mal-art u gie muri dan il-pakkett, huwa kkonferma li dan kien tieghu u li kien fih blokka tal-*cannabis.* B'referenza ghall-persuna li kien hemm mieghu meta gie arrestat, huwa qal li dan jismu Mariano Pirrone, ilu jafu madwar sena u li jiltaqa' mieghu hdejn l-Isptar San Luqa, meta jmur jiehu l-mistura. Qal li ma kienx jaf li fuqu, Pirrone kellu blokok tal-*cannabis resin* u xi *cannabis grass.* Qal illi huwa kien sejjer id-dar u gie Pirrone minn warajh bil-vettura Fiesta. Pirrone paqpaqlu l-*horn* biex jieqaf, waqfu u sakemm waqfu marru l-pulizija fuqhom. Qal illi l-pakkett li nstab fuqu kien ilu ghandu minn filghodu. Mistoqsi jekk siehbu u hu kinux ser ipejjpu l-haxixa flimkien, huwa wiegeb illi dak il-hin kienu ghadhom lanqas jafu x'ser jaghmlu. Mistoqsi offriex bicca lil Pirrone jew jekk qallux biex ipejjpu flimkien, huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi ghalfejn Pirrone kien waqfu, huwa qal illi huwa kien rah hdejn id-Detox imma ma qghadx jitkellem mieghu hemmhekk ghaliex il-Pulizija keccewhom. Wara Pirrone mar ifittxu. Huwa qal illi qatt ma ta jew offra droga lil xi hadd u li dejjem xtara ghalih. Id-droga li nstabet fuqu kienet ghalih.

Fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2010, kompla jixhed **l-Ispettur Johann J. Fenech**[6]. Huwa rega' kkonferma dak li xehed fis-seduta tal-15 ta' Frar 2010, u zied jghid illi huwa kien interroga wkoll lil Pirrone li da parti tieghu, kien qallu illi "*Muscat kien tah bicca raza tal-cannabis dakinhar, ghax hu kien qallu jekk kienx jaf lil xi hadd minn fejn jista' jixtri bicca raza u Muscat kellu bicca f'idu u hu qed jghid li tahielu biex jara kif inhi*"[7]. L-Ispettur Fenech jghid ukoll illi hu

[5] A fol. 16 u 17 tal-process.
[6] A fol. 21 sa 23 tal-process.
[7] A fol. 22 tal-process.

ma emmnux lil Muscat li dan kien il-kaz, imma emmen li dik il-bicca raza tahielu biex ibighielu jew biex jaghtihielu u ghalhekk akkuza lill-imputat bi traffikar tar-raza tal-*cannabis.*

Fl-istess seduta xehed ukoll **PC 729 Kevin Decelis**[8]. Huwa qal illi fl-14 ta' Dicembru 2008, kienu qeghdin jaghmlu ronda fit-triq tal-Isptar u hekk kif daru mal-Appogg, innuttaw zewg persuni bil-qeghda. Kif indunaw bil-pulizija, dawn inhasdu. Il-pulizija waqfu, ghamlulhom tfittxija u sabu bicca rrumblata "*qisha foil, qisha sigarett*" li kienet mal-art. Dawn u cioe` Muscat ossia l-imputat u Pirrone, ittiehdu l-ghassa. Mistoqsi jekk rax lil xi hadd jarmi xi haga fl-art, huwa wiegeb fin-negattiv. Huwa qal illi minn tfittxija li saret fuq Muscat ma nstab xejn, fil-waqt illi fuq Pirrone instabet borza zghira qisha haxixa. Dwar il-pakkett li nstab mal-art, ghall-ewwel qalu li dan ma kienx taghhom, izda mbaghad ittiehdu l-ghassa u kompla jkellimhom is-Surgent.

Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2012, xehed **Mariano Pirrone**.[9] Huwa qal illi lill-imputat kien ilu jafu ghalkemm ezatt kemm ma kienx jaf u qal illi ma kienx jafu sew. Kien jafu hdejn id-Detox. Wara qal illi kien ilu jafu izjed minn erba' snin, izda ma ftakarx kemm kien ilu jafu qabel. B'referenza ghall-proceduri li ttiehdu kontrih dwar l-istess kaz, huwa qal illi l-kaz kien fuq bicca raza. Meta gie ssuggerit lilu illi kellu xi haga ohra fuqu, huwa qal illi kien rema r-raza fl-art. Wara li x-xhud baqa' jirrepeti illi fuqu kellu r-raza u li kien rema r-raza fl-art, u fuq suggeriment illi apparti r-raza kellu wkoll il-haxixa, huwa qal illi ma kienx jiftakar u illi minghalih il-kaz kien fuq ir-raza. Wara qal illi kien ammetta. Mistoqsi min kien tah dik il-bicca raza, huwa qal illi ma kienx jiftakar. Qal illi ma kienx jiftakar x'kien qal fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien qal illi r-raza kien tahielu l-imputat u kif ra lill-pulizija, huwa kien remiha mal-art, ix-xhud qal illi ma kienx jiftakar. L-Ufficjal Prosekutur ssuggerielu illi huwa kien staqsieh ghalfejn l-imputat kien tah dik il-bicca raza u hu kien qallu li kien iltaqa' mieghu dakinhar u kienu marru biex jiehdu l-mistura flimkien, ghal-liema x-xhud wiegeb li jista' jkun. L-Ufficjal Prosekutur qal lix-

[8] A fol. 24 sa 27 tal-process.
[9] A fol. 34 sa 42 tal-process.

xhud illi fl-istqarrija tieghu, huwa kien qal illi kien staqsa lil Muscat jekk kienx jaf lil xi hadd minghand min seta' jixtri bicca raza, li Muscat ghaddielu dik il-bicca raza u li hekk kif ra lill-pulizija, huwa remiha mal-art. Dwar dan ix-xhud irrepeta kemm il-darba illi ma jiftakarx x'kien qal fl-istqarrija. Qal illi jista' jkun li dak li qal fl-istqarrija kien minnu u jista' jkun li le. Mistoqsi jekk dakinhar kinitx l-ewwel darba li l-imputat ghaddielu xi haga, huwa qal illi ma jiftakarx x'ghaddielu u qal illi ma jiftakarx illi huwa qatt qal illi l-imputat bieghlu xi haga. Qal li qatt ma xtara xejn minghandu. Baqa' jghid illi ma jiftakarx x'kien qal. Ikkonferma li kienet instabet bicca raza u li kien remiha fl-art. Huwa qal illi r-raza kienet tieghu. Mistoqsi minn fejn kien gab din ir-raza, huwa qal li jahseb li kien xtraha u wara qal li ma kienx jiftakar minn fejn kien xtraha, ghaliex ma kienx jixtri minghand l-istess persuna. Ix-xhud baqa' jinsisti li ma kienx jiftakar minn fejn kien gab ir-raza.

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta illi zewg guvintur kienu qeghdin hdejn l-Agenzija Appogg u hekk kif huma ndunaw bil-presenza tal-pulizija, dawn irmew xi haga fl-art. Hadd mill-pulizija prezenti waqt din ir-ronda ma kien f'posizzjoni li jindika min minn dawn iz-zewg guvintur tefa' xi haga fl-art. PC 626 Giancarlo Benetti jghid illi dawn irmew xi affarijiet u li l-pulizija sabu zewg stikek f'*foil* li kien fihom sustanza kannella. PS 561 David Portelli, li ma kienx prezenti meta twaqqfu z-zewg guvintur, izda mar fuq il-post aktar tard u dahhal rapport tal-incident a bazi ta' dak li ntqal lilu, xehed illi dawn iz-zewgt irgiel irmew xi haga fl-art u li nstabet sustanza suspettata droga. Fir-rapport tieghu, imbaghad, indika illi "*each of them threw away a small silver packet*"[10]. PC 729 Kevin Decelis xehed illi huwa ma rax lill-imputat jew lil siehbu jarmu xi haga, izda minn tfittxija instabet bicca rrumblata "*qisha foil, qisha sigarett*" li kienet mal-art. L-Ispettur Fenech, imbaghad, li ma kienx prezenti waqt din it-tfittxija, xehed illi PS 561 kien qallu illi waqt illi kienu ghaddejjin il-pulizija tal-*mobile*, huma raw lill-imputat jarmi xi haga fl-art u li f'id Pirrone, instabet ukoll

[10] A fol. 10 tal-process.

xi droga. Dan ma jirrizultax mix-xhieda ta' PS 561 David Portelli, li in oltre, kif inghad, lanqas ma kien prezenti hekk kif twaqqfu l-imsemmija guvintur.

Irid jinghad illi l-Qorti rat l-esebit ossia s-sustanza li nstabet fuq il-post, ghaliex x'instab ezatt ma jirrizultax car mix-xhieda hawn fuq citata. Fil-fatt l-esebit jikkonsisti f'bicca blokka tawwalija mkebba fil-*foil*. Ghalhekk ghalkemm il-pulizija jitkellmu fil-plural fis-sens illi dawn il-guvintur irmew xi affarijiet u li '*each of them threw a small silver packet*', ma jistax ikun illi t-tnejn li huma rmew dan l-oggett, izda stante li l-oggett kien wiehed, allura seta' jintrema biss minn wiehed minn dawn il-guvintur. Fuq il-persuna tal-imputat ma nstab xejn, fil-waqt illi fuq il-persuna ta' Pirrone instabet xi haxixa u ghalhekk din hi l-unika bicca raza tal-*cannabis* li wiehed jista' jitkellem fuqha.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat gie mistoqsi hekk: "*Illum il-Pulizija rawk tarmi pakkett tal-foil mal-art fil-Pieta` li qed tigi muri issa. Tikkonferma li dal-pakkett hu tieghek*?" Huwa wiegeb "*iva*" u li dan il-pakkett kien fih blokka tal-*cannabis*. Ghalkemm hawnhekk l-imputat wiegeb fl-affermattiv, jidher li din kienet ir-risposta tieghu ghat-tieni domanda u cioe` jekk il-pakkett kienx tieghu u mhux konferma tal-fatt illi kien hu li rema l-istess pakkett mal-art. Pirrone, imbaghad, fix-xhieda tieghu jghid illi kien hu li rema r-raza mal-art u li din kienet tieghu, izda ma ftakarx minn fejn kien gabha. Cahad illi qatt xtara xi haga minghand l-imputat. Ghalhekk bhala stat ta' fatt jirrizulta illi kemm l-imputat, kif ukoll Pirrone assumew ir-responsibilita` ghall-pussess tar-raza li nstabet, ghaliex it-tnejn li huma qalu li kienet taghhom. In oltre mis-suespost, x'aktarx kien Pirrone u mhux l-imputat li tefa' din ir-raza mal-art, hekk kif waqfu l-pulizija hdejhom.

L-Ispettur Johann Fenech xehed illi Pirrone kien qallu, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, illi Muscat kien tah bicca raza tal-*cannabis* dakinhar, ghaliex hu qallu jekk kienx jaf lil xi hadd minn fejn jista' jixtri bicca raza. "*Muscat kellu bicca f'idu u hu qed jghid li tahielu biex jara kif inhi. Jiena lil Muscat ma emmintux li*

*dan kien il-kaz imma emmint li dik il-bicca raza tahielu biex ibieghielu jew biex jaghtihielu u b'hekk hrigt charges ta' traffikar*".

Issa meta Pirrone gie rinfaccjat b'dak li huwa kien qal fl-istqarrija tieghu, huwa ma kkonfermax li kien qal dan il-kliem. Dar mal-lewza kemm felah, izda baqa' ma indikax minn fejn kien gab dik il-bicca raza tal-*cannabis* u jekk kienx l-imputat li tahielu. Dwar dak li qal Pirrone fl-istqarrija tieghu, ghalkemm din l-istqarrija setghet tintuza – kif fil-fatt intuzat – mill-prosekuzzjoni u mill-Qorti sabiex tikkontrolla lix-xhud waqt id-deposizzjoni tieghu f'dan il-process quddiem din il-Qorti, madankollu din ma tistax tissarraf fi prova. Anke jekk din il-Qorti, in vista ta' din l-istqarrija, tiddeciedi illi ma temminx lil Pirrone meta xehed f'dawn il-proceduri – u fil-fatt din il-Qorti ma temminx illi Pirrone ma kienx jiftakar minn fejn kien gab dik il-bicca raza – sa hemm biss tista' tasal u ma tistax targumenta *a contrario sensu* illi allura kien veru dak li Pirrone kien stqarr mal-Pulizija.

In kwantu ghax-xhieda tal-Ispettur Fenech u cioe` il-parti fejn huwa jghid – "*Muscat kellu bicca f'idu u hu qed jghid li tahielu biex jara kif inhi. Jiena lil Muscat ma emmintux li dan kien il-kaz …*", fl-ewwel lok irid jinghad, illi minn dan il-kliem il-Qorti m'hijiex certa ghal min kien qieghed jirreferi l-Ispettur Fenech u cioe` kienx qed jirreferi ghal Pirrone fis-sens illi Pirrone qal dan il-kliem, jew ghall-imputat. U kemm il-darba kien qed jirreferi ghall-imputat – anke ghaliex wara jghid li huwa lil Muscat ma emmnux li dan kien il-kaz – ma jirrizultax f'liema stadju Muscat kien qallu dan il-kliem. Li huwa zgur hu illi dan id-diskors ma jirrizultax mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. U jekk dan il-kliem inghad mill-imputat, u ghalhekk jista' jitqies bhala xi forma ta' konfessjoni bil-fomm, lanqas ma jirrizulta mill-atti jekk l-imputat kienx inghata t-twissija li kellu d-dritt illi jibqa' sieket u ma jwegibx ghad-domandi li jsirulu, qabel ma qal dan id-diskors lill-Ispettur Fenech.

Ghalhekk in vista ta' dawn l-incertezzi kollha, il-Qorti zgur ma tistax tiehu dan id-diskors bhala prova illi l-imputat kien ta r-raza tal-*cannabis* lil Pirrone, fis-

sens illi l-imputat kien traffika din ir-raza. Ghalkemm l-imputat mill-ewwel ammetta l-pussess ta' din ir-raza fl-istqarrija tieghu, u ghalkemm jidher illi r-raza in kwistjoni kienet tal-imputat u li din giet mormija fl-art minn Pirrone, ma hemm ebda prova kwalsiasi fl-atti li tista' twassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali illi l-imputat fil-fatt traffika r-raza tal-*cannabis* billi taha jew bieghha lil Pirrone.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti, il-Qorti ma tqisx illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfacentement l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat sal-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni, ossia dik ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*, droga eroina u droga kokaina rispettivament, dawn jirrizultaw pruvati mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, fis-sens illi huwa stess jammetti li kien xtara l-blokka tal-*cannabis* li nstabet dakinhar, fil-ghodu stess, li sa disa' xhur qabel kien jiehu ftit minn kollox u cioe` kokaina, eroina u raza tal-*cannabis* u li l-ahhar li pejjep il-*cannabis* kien xi tlett ijiem qabel. Ghaldaqstant, fil-waqt illi t-tieni imputazzjoni tirrizulta pruvata in kwantu tirrigwarda l-14 ta' Dicembru 2008 u l-ahhar ghaxar xhur ta' qabel din id-data, it-tielet u r-raba' imputazzjoni jirrizultaw pruvati in kwantu jirrigwardaw l-ahhar ghaxar xhur ta' qabel id-data msemmija.

Fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, il-prosekuzzjoni esebiet sentenza li nghatat fil-konfront tal-imputat, minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fit-30 ta' Mejju 2008. Stante illi l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputut instab hati, permezz tal-istess sentenza, jikkontemplaw ilkoll reati kontravvenzjonali, l-imputat jista' jinsab hati biss talli huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Konsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien li kkommetta r-reati in kwistjoni u illi minn dak li stqarr huwa stess, jidher illi l-imputat kellu storja twila ta’ abbuz ta’ droga u li ghalhekk, minkejja li dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2008, ikun ghaqli illi l-imputat jigi segwit minn Ufficjal tal-*Probation*.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, fil-waqt illi ssibu hati tat-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu (b’dan illi fir-rigward tat-tielet u r-raba’ imputazzjoni, dawn jirrizultaw fir-rigward tal-ahhar ghaxar xhur ta’ qabel l-14 ta’ Dicembru 2008 u mhux fir-rigward tal-14 ta’ Dicembru 2008), u tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, qeghda tqieghdu taht **Ordni ta’ *Probation* ghal zmien tlett (3) snin mil-lum**, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation*.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hatja ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument JF, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------